**KUNSILL LOKALI NADUR**
**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Nadur**

**DISA' (9) LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru Disa' u Tletin (39)**

**Il-Gimgħa, 7 ta' Jannar, 2022**

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur iltaqa' Online fit-3:30pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Joseph Vella | Kunsillier |
| Jean Paul Portelli | Kunsillier |
| Josef Camilleri | Kunsillier |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Sue Ellen Buġeja | Segretarju Eżekuttiv |
| Megan Portelli | Ambaxxatur taż-Żgħazagħ |

**MINUTI**

Il-laqgħa bdiet b'talba.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

## KUNSILL LOKALI NADUR

### 39.1. Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.

Kulħadd kien preżenti.

### 392. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti u Skeda tal-Pagamenti.

Il-Minuti tat-Tmienja u tletin (38) laqgħa tal-14 ta' Novembru 2021 ġew ikkoreġuti, approvati, iffirmati u dikjarati bħala dokumenti uffiċjali. Dawn kienu ntbagħtu lil Kunsilliera bil-quddiem għall-kunsiderazzjoni tagħhom. Filwaqt li dawn ġew approvati unanimament, l-iskeda tal-pagamenti numru 37 ġiet iffirmata mis-Sindku, Segretarju Eżekuttiv, Proponent Eucharist Camilleri u Sekondant Jean Paul Portelli, filwaqt li skeda tal-pagamenti numru 38 ġiet iffirmata mis-Sindku, Segretarju Eżekuttiv, Proponent Joseph Vella u Sekondant Eucharist Camilleri.

### 39.3. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

Is-Sindku ta' l-aħħar żviluppi dwar is-sitwazzjoni finanzjarja u l-kontijiet tal-bank. Huwa spjega wkoll li daħħlu fil-bank €2,663,57 minn Wasteserv Ltd, €9,785,76 minn ko-finanzjament tat-Toroq Rurali, u €11,082,69 tal-iskema tal-playing fields (75%). Is-Sindku kompla li fadal jidħol il-WSC LA fuq il-Pjazza €4.5K, €6,779 tal-monument FECC u €1280 tal-gym equipment, u €3,000 tal-Halloween.

Kien hemm xi kontijiet li daħlu fl-aħħar ġurnata, u dawn ġew spjegati lil Kunsilliera u aċċettati sabiex jidħlu fl-iskeda. Kien hemm qbil unanimu fuq l-iskedi ppreżentati u dawn ġew iffirmati.

Kien hemm kliem ta' tifħir mill-Kunsilliera Lokali fir-rigward ta' kif qedin fis-sitwazzjoni finanzjarja u anke għall-fatt li daqt jinqata d-deficit kollu.

Fuq mistoqsija ta' Eucharist Camilleri, is-Sindku reġa nnota proġetti li dan il-Kunsill f'din il-leġislatura ser ikun qed jaħdem fuqhom:-il-Muxa ta' Triq San Gwann, l-bins taħt l-art ħdejn l-iskola, tisbiħ tal-Ġebel l-Aħmar, il-Belvedere tad-Duru, il-pavimentar tal-Pjazza Dun Martin Camilleri u dawl, il-Latrina ta' San Blas u ta' Triq it-Tramuntana, il-Belvedere fi Triq ir-Ramla l-Qadima u l-entratura ta' Xħajma.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

Il-Viċi Sindku Eucharist Camilleri għamel suġġeriment li kieku jitranġa ukoll l-arblu tad-dawl tal-Pjazza biex jiġi taħt l-art. Is-Sindku għandu jitkellem mal-Perit dwar dan.

Il-Viċi Sindku qabel mas-Sindku li għandu jinbeda l-proċess għall- permessi meħtieġa sabiex imbagħad ma jkunx hemm dewmin. Kien hemm qbil dwar dan.

## 39.4. Komunikazzjoni mis-Sindku, Mistoqsijiet u Żviluppi mill-Kunsilliera.

### *39.4.1. Is-Sindku ppreżenta dawn l-iżviluppi:*

- Ħitan tas-sejjieħ – Dawn qed jinbnew ftit ftit.
- Talba biex jinbena ħajt fi Triq it-Tigrija- dan il-ħajt għadu mhux lest.
- Talba għal sement ma' bankina fi Triq San Blas- dan lest.
- Talba biex titranġa bankina fil-Pjazzetta – din lesta.
- Talba biex titranga pjanċa fuq bankina fi Triq it-Tramuntana - din lesta.
- Talba biex tinbidel rampa fi Triq Vjal l-Imnarja - din lesta.
- Talba biex titranga bankina fi Triq San Blas - din għada mhux lesta.
- Talba għal yellow line fil-faċċata ta' garage fi Triq Xandiku- Din approvata minn TM.
- Talba għal 1.5m yellow line mal-ġenb ta' kull naħa ta' garage fi Triq Agius de Soldanis - din lesta.

### *39.4.2. Żviluppi dwar Talbiet minn Eucharist Camilleri*:

- Sistema tal-Pannelli fi Triq l-Inżul Franċizi – Il-kuntrattur qed jaħdem fuqha.
- Titneħħa rampa fi Triq il-Knisja – Din għada ma saritx.
- Mera fi Triq Franġisk Attard- Il-Kunsill għadu qed jara fejn ser teħel.
- Talba biex meta jinżabar il-palm ta' Triq Duru jinżabar ukoll tal-Belvedere. Dan ser issir wara li jiżżarma tiżjin tal-Milied.
- Disabled parking ħdejn ċimiterju il-qadim- Il-Kunsill applika ma TM.

- Talba għall-bozza ġdida fi Triq ir-Ramla c/w Triq Caraffa. Il-Kunsill applika għaliha.
- Pending: Patch fi Triq il-Knisja- Din ser issir aktar il-quddiem.

*39.4.3.Żviluppi dwar Talbiet minn Jean Paul Portelli:*

- Passaġġ tat-torba tax-Xini – dan għadu ma sarx.
- Ħitan ta' Xħajma – Għadu ma sar xejn fuq dawn.
- Sinjali tat-toroq fi Triq Għajn Qasab - TM qed jaħdmu fuqha.
- Gates fi Triq ta' Kenuna – Il-Kunsill għamel il- ktajjen.
- Talba għal yellow lines ma garage fi Triq Papa Pawlu – Dawn lesti.
- Group ta' zgħazagħ għal Aġenzija Żgħażagħ- Peress li kien wisq qrib id-data ma instabux żgħażagħ.

*39.4.4. Żviluppi dwar Talbiet minn Joseph Vella*:

- Talba biex jitranġa globu ħdejn iċ-Ċentru. Dan ser isir wara l-festi.
- Talba biex jinbena ħajt fi Triq tax-Xagħri. Dan lest.
- Talba għal mera fi Triq San Ġwann li inkissret. Din lesta.

*39.4.5. Żviluppi dwar Talbiet minn Josef Camilleri*:

- Pannelli fi Sqaq San Gakbu – Dawn ser jitranġaw.
- Ċaċċis mat-torri ta' Sopu – Dan għadu ma sar xejn fuqu.
- Pendenti: Sement fi Sqaq tad-Duru - Dan qed naraw mal-perit tal-Kunsill.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

## 39.5. Korrispondenza.

| | |
|---|---|
| 6384 | Cir AKL 2022/002 Polza tal-Assigurazzjoni tal-Flus għall-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali |
| 6385 | Fw: Ċirkulari SPI SCI 3 2021 - Skema għall-attivitajiet kulturali annwali 2021- dwar attivita Karnival Nadur |
| 6386 | Cir AKL 2021/130 Polza tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa 2022 |
| 6387 | Cir AKL 2022/001 Enemalta |
| 6388 | Press - Inauguration of project of Triq Kenuna and Belvedere in Nadur (CVC) |
| 6389 | Cir AKL 2021/132 L&M - Managing Information Training Session - 11/02/2022 |
| 6390 | SPI.SCI.9.2021 Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2022 |
| 6391 | Estensjoni - Re Skema Reġjonali – Parks, Ġonna u Spazzji Pubbliċi - 2021 |
| 6392 | Cir AKL 2022/002 Polza tal-Assigurazzjoni tal-Flus għall-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali |
| 6393 | Cir AKL 2022/003 Personal Accident Policy |

*Rimarki oħra:-*

- Talba biex il-Kunsill jixtri kotba għal-librerija mingħand Dr. Lara Bezzina- Kien hemm qbil u l-Kunsill ser jixtri tnejn.
- Il-Ministru għal Għawdex ser jiġi jawgura t-Triq ta' Kenuna fid-19 ta' Jannar.
- Bdil tal-Merry Go Round ta' Ġnien il-Kunsill għax spiċċat. Kien hemm qbil li tintgħażel l-orħos kwotazzjoni għal prezz ta' €3,732 vat inkluż - Kien hemm qbil.
- Joseph Vella talab li nikkunsidraw il-proposta li ma jinqatax ħaxix fil-widien u passaġġi minħabba n-naħal. Is-Sindku spjega li hu stess kien qajjem din u l-Kunsilliera kollha ma qablux ma dan. Ġie deċiż li għalissa nistennew ħa naraw x'se jiġri minn Kunsilli oħra.

## 39.6. Skemi.

- **SPI.SCI.9.2021 Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2022- Is-Sindku talab għall-ideat dwar din l-iskema.** Il-Viċi Sindku għamel suġġeriment sabiex isir kunċert bil-kor tas-Surmast Antoine Theuma fit-8 ta' Diċembru li jiftaħ il-festi tal-Milied u anke jkun oriġinali b'biċċiet ta' Dun Anton Camilleri li qatt ma nstemgħu. Dan il-ħin sar kuntatt ma' Antoine Theuma u kien hemm qbil fuq dan il-Kunċert mill-Kunsilliera. Ser jingabru stimi u l-Kunsill

japplika. Il-Viċi Sindku ser Ikun responsabbli li jgħaqqad l-applikazzjoni ma' William Sultana.

- **Skema għall-iżvilupp u titjib fil-kundizzjonijiet tal-Playing Fields fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex maħruġa minn naħa tad-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy-** Il-Kunsill rebaħ l-ammont ta' €14,000 fuq il-Playing field tal-Ħali. Is-Sindku qed jaħdem fuq l-Offerta flimkien ma' William Sultana. Ser jinbiddlu l-bandli, merry-go round, sliding horses, riding equipment, picnic bench u see saw, u ser tiżdid multi-sensory panel. Il-Kunsilliera raw t-tender u qablu li tinħareg l-offerta.

- **Skema Reġjonali –Ambjent 2021-** Il-Kunsill qed jaħdem fuq l-offerta tal-latrina.

- **Skema Reġjonali –Kultura Għawdex 2021-** Il-Kunsill applika għal Wine Festival u minħabba COVID-19 x'aktarx ma jistax isir allur ġie deċiż li l-Kunsill jagħmel talba lir-Reġjun biex tinbidel l-attivita'. Dan il-ħin kien hemm diskussjoni fit-tul. Il-Kunsillier Joseph Vella għamel suġġeriment biex l-Kunsill jagħmel attivita' oħra ġdida f'data oħra differenti. Il-Viċi Sindku Eucharist Camilleri għamel suġġeriment biex lejlet il-Festa isir show fil-Pjazza peress li s-show tal-għaqda tan-Nar fi Ġnien il-Kunsill mhux ser tibqa' issir.. Il-Kunsillier Jean Paul Portelli għamel suġġeriment biex isir tip ta' skambju ta' wirja barra minn Malta flimkien ma' l-għaqda tal-Presepji.Is-Sindku għamel suġġeriment li l-Kunsill jagħmel talba formali lil Reġjun ta' Għawdex għal fondi ta' €10,000 biex jinqassmu f'żewġ attivitajiet kulturali - Nadur flimkien ma Cicciano għal skambju internazzjonali tal-arti b'ko-ordinazzjoni mal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju, u spetaklu tan-nar fil-Pjazza San Pietru u San Pawl b'ko-ordinazzjoni ma' Għaqda tan-Nar 29 ta' Gunju. Il-Kunsillier Jean Paul Portelli astjena fir-rigward tal-attivita tal-arti u Eucharist Camilleri astjena fl-attivita' tal-għaqda tan-Nar peress li huma membri fil-Kumitati.Kien hemm qbil bejn kulħadd fuq is-suġġeriment li għamel is-sindku. Il-Kunsilliera Jean Paul Portelli u Eucharist Camilleri ser jiġbru l-informazzjoni biex issir l-applikazzjoni flimkien ma' William Sultana.

- **Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2021 maħruġa minn naħa tad-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy** – Il-Kunsill ser jingħata l-ammont ta' €5,500 għall-karnival iżda s-Sindku nnota li hu għamel talba lil Direttorat għall-Gvern Lokali biex tinbidel l-attivita' tal-Karnival minħabba l-Covid-19. Is-Sindku għamel suġġeriment li fil-Pjazza jintrama LED screen u jintwera filmat li jsir minn CVC peress li dawn għandhom materjal diġa tal-Karnival u min ikun għaddej jista igawdi l-Karnival fuq l-screen u fil-Pjazza jkun hemm maskarati biex jkun hemm l-atmosfera. Kien hemm qbil fuq dan kollu.

- **Skema għall-Finanzjament ta' Proġetti Skema Reġjonali- Parks, Ġonna u Spazzji Pubbliċi Ġodda- 2021.** Kien hemm qbil li l-Kunsill japplika fuq din l-iskema fuq upgrading fl-area li tinsab fi Triq San Gwann kantuniera ma' Triq Grunju. Ser isir pavimentar bil-porfido, bankijiet, pots tal-mosaic bis-sigar tal-larinġ u dwal dekorattiv. Il-Kunsill kollu qabel fuq dan.

39.7. Attivitajiet, Inizzjattivi u Ħidma Socjali.

39.7.1. Valentines Day - Kien hemm qbil li isiru ħafna qlub tal-injam madwar il-Pjazza li jinħadmu minn Ivan Xuereb il-ħaddiem tal-Kunsill u jieħdu sehem it-tfal ta' l-iskola.

39.7.2. Innu tan-Nadur- Il-Kunsillier Joseph Vella ser jiltaqa' mal-grupp magħżul f'Jannar sabiex jibda l-proċess.

39.7.3. Ktieb dwar flora fin-Nadur minn Richard Grech - Dan il-ktieb qed jaħdem fuqu Richard Grech permezz ta' esperti oħra.

39.7.4. Fashion show modelling ma' Ivan Gaffiero - Is-Sindku għamel kuntatt ma' Ivan Gaffiero u għamel suġġeriment li issir fashion show fil-Pjazza tan-Nadur fl-Lulju. Kien hemm qbil fuq dan.

39.8. Proġetti u Xogħolijiet Oħra.

**39.8.1. Triq ir-Ramla l-Qadima -** Kien hemm qbil li l-Kunsill jibgħat ittra minn l-Av. Rita Mifsud li fi zmien gimgħa ikollna risposta meta se jitkompla x-xogħol u wara jibdew il-multi kif stipulat fl-offerta. Kien hemm qbil li jekk hemm bżonn l-pubbliku jkun mgħarraf fuq mezzi socjali ukoll u jaqa' l-kuntratt jekk ma jsir xejn.

**39.8.2.** Is-Sindku ma daħalx fi proġetti oħra peress li ġew diskussi aktar qabel fil-laqgħa.

39.9. Rikjesti u Talbiet mill-Pubbliku.

39.9.1.Rikjesti mis-Sindku:

- Talba biex tinbidel tappiera fi Triq ta' Said. Kien hemm qbil.
- Talba biex jintranġa gandott fi Triq San Blas. Kien hemm qbil.
- Talba għal tabella tal-Klieb f'San Blas. Kien hemm qbil.
- Talba biex jitnaddaf il-Wied ta' Xhajma. Talba ser tintbgħat lil customer care MGOZ.
- Talba biex titranga bankina miksura Triq Cocco Palmeri. Kien hemm qbil.
- Talba biex titranga bankina miksura Triq il-Madonna ta' Lourdes. Kien hemm qbil.
- Talba biex titwassa daħla għal passaġġ fir-raba' fi Triq Rabat. Kien hemm qbil.
- Hajt tas-sejjieħ biex jitranġa Triq il-Buskett. Kien hemm qbil.
- Mera biex tinbidel fi Triq il-Qala. Kien hemm qbil.
- Jitkompla jinqata' l-ħaxix ħazin. Kien hemm qbil.
- Sement fil-Wied ta' Riħan. Kien hemm qbil.

39.9.2 Rikjesti mill-Viċi Sindku:

- Talba għal 1.5m yellow lines ma garage fi Triq Cocco Palmeri. Kien hemm qbil.
- Talba għal sement ħdejn il-Kazin tal-futbol – kien hemm qbil.
- Talba għal patching fi Triq Inzul il-Francizi- Kien hemm qbil.

39.9.3 Rikjesti mingħand Joseph Vella:

- Talba biex il-bollard fi Triq ta' Majza tkun tinqala. Kien hemm qbil.

39.9.4. Rikjesti mingħand Jean Paul Portelli:

- Sement ma' Bankina fi Triq Xandriku. Kien hemm qbil.
- Il-Kunsill irċieva ilmenti mingħand resident ta' Triq it-Tiġrija minħabba inċidenti biex isir speed hump. L-ittra ntbgħatet lil MGOZ peress li din triq Arterjali u l-Kunsill ġie ikkupjat.
- Talba għal laqgħa minħabba dog park.
- Ħajt biex jitranġa fi Triq Grunju. Kien hemm qbil.

39.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa spiċċat fit-7:00p.m. Il-Kunsill ser jerġgħa jiddiskuti data u ħin tal-laqgħa li jmiss.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva